MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Numru 26/97

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Carmelo Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 26 tas-sena 1997, kif emendat fis-seduta tal-lum kontra l-akkuzat Carmelo Spiteri, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu, tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996) ghall-habta tal-ghaxra u nofs (10.30 a.m.) ta' filghodu, Carmelo Spiteri flimkien ma zewg persuni ohra pprova jisraq aktar minn mitt elf lira (LM100,000) mill-fergha tal-Mid-Med Bank f'St. Andrews.

Illi hu dahal fil-Bank, ghamel vjolenza fuq il-kuntistabbli 393 Maurice Laferla li kien ghassa mal-post u li safa’ ferut u zamm lil Joseph Sapiano, Paulette Psaila, Tanja Grixti, Eva Fenech u persuni ohra hemm issekwestrati w heddidhom b’arma tan-nar. Illi hu kellu wiccu mghotti wkoll.
Illi minkejja li s-serqa kienet bdiet, b’xorti tajba nzerta li fil-vicinanzi kien hemm zewg pulizija tal-Mobile Squad li rrealizzaw x’kien qed jigri w irnexxielhom jisfrattaw is-serqa billi l-hallelin hasbu li kienu cirkondati. Illi waqt li kienu hergin Carmelo Spiteri spara lejn dawn iz-zewg Pulizija bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’perikolu car izda ma rrnexxilhux minhabba ragunijiet accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu.
Illi b’ghemilu Carmelo Spiteri sar hati ta’ tentattiv ta’ serq u cioe’ talli bil-hsieb li jaghmel d-delitt ta’ serq ta’ flus f’ammont ta’ aktar minn elf lira, wera dan il-hsieb b’attijiet esterni li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tal-istess delitt; liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tal-akkuzat; b’dan illi l-istess tentattiv ta’ serq huwa kwalifikat bil-vjolenza (tentattiv ta’ omicidju, offiza fuq il-persuna, sekwestru tal-persuna, theddid bil-fomm ta’ omicidju w ta’ offiza fuq il-persuna, armi, numru), mezz (ghoti tal-wicc), valur u lok (lok ta’ depositu jew ta’ rahan li qieghed ghall-kumdita’ tal-pubbliku).
Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija vs. Carmelo Spiteri” tas-17 t’Ottubru, 1990 l-imsemmi Carmelo Spiteri gie misjub hati ta’ delitt.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Carmelo Spiteri, hati ta’ tentattiv ta’ serq u cioe’ talli bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ serq ta’ flus f’ammont ta’ aktar minn elf lira, wera dan il-hsieb b’atti esterni li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tal-istess delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tal-akkuzat, b’dan illi l-istess tentattiv ta’ serq hu kwalifikat bil-vjolenza (tentattiv ta’ omicidju, offiza fuq il-persuna, sekwestru tal-persuna, theddid bil-fomm ta’ omicidju w ta’ offiza fuq il-persuna, armi numru), mezz (ghoti tal-wicc), valur, lok (lok ta’ depositu jew rahan li qieghed ghall-kumdita’ tal-pubbliku).

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena minn seba' snin sa ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262(I)(a)(b)(2), 263(b), 267, 269(d), 273, 274, 275, 276, 277(a)(b), 278(I)(2)(3), 279(a)(b), 280(I)(2), 281, 41(I)(a), 49, 50, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghall-kull piena ohra li tista’ skond il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat;

2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li Carmelo Spiteri nhar l-erbgha, seba’ w ghoxrin (27) ta’ Marzu tas-sena elf, disa mija u sitta w disghin (1996), ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta’ filghodu (10.30 a.m.), flimkien ma zewg persuni ohra pprova jisraq somma li taqbez il-mitt elf lira (LM100,000) mil-fergha tal-Mid-Med Bank f’St. Andrews.

Illi hu kien armat, kellu wiccu mghotti b’barnuza w waqt li kien fil-Bank uza vjolenza kontra l-impjegati w ufficjali tal-Pulizija. Illi f’mument minnhom il-hallelin indunaw li kienu se jinqabdu w harbu minn fuq il-post.

Illi huma w hergin kien hemm zewg pulizija tal-Mobile Squad li nzertaw li kienu fil-post u dawn ordnawlhom biex jieqfu. Illi Carmelo Spiteri flimkien mal-persuni l-ohra sparaw lejn il-kuntistabbli 1377 Carmel Cilia w l-kuntistabbli 132 Edward Falzon izda b’xorti tajba ma laqtuhomx. Illi dan Carmelo Spiteri ghamlu bil-hsieb li joqtol liz-zewg kuntistabbli jew iqiegħed il-hajja taghhom f’perikolu car.

Illi wara l-hallelin irnexxilhom jaharbu minn fuq il-post, u Carmelo Spiteri ma rrnexxilhux fl-iskop tieghu li joqtol liz-zewg kuntistabbli ghall-ragunijiet accidentali w indipendenti mil-volonta’ tieghu.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Carmelo Spiteri sar hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju u cioe’ talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta’ omicidju volontarju li ma

giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mil-volonta' tieghu.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Carmelo Spiteri" tas-17 t'Ottubru, 1990 l-imsemmi Carmelo Spiteri gie misjub hati ta' delitt

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil Carmelo Spiteri recidiv hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mil-volonta' tieghu.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi hu jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' snin sa ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 41(l)(a), 211, 31(l)(a)(b)(i)(ii), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat;

3) u wara li fit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fl-istess zmien u cirkostanzi imsemmija fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' fis-seba' w ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elf disa mija w sitta w disghin (1996), ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta' filghodu (10.30 a.m.) Carmelo Spiteri kien komplici f'serq ta' revolver tal-ghamla Webley & Scott numru 25600 minn fuq il-persuna tal-kuntistabbli 393 Maurice Laferla li kien ghassa mal-fergha tal-Mid-Med Bank St'Andrews, liema revolver jiswa aktar minn mitt lira izda anqas minn elf lira ghad-dannu tal-Korp tal-pulizija. Illi l-istess kuntistabbli gie ferut hafif. Illi Carmelo Spiteri kellu wiccu moghti, kien armat u beda jhedded ghall-hajja lil Laferla.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Carmelo Spiteri sar hati ta' komplicita' f'serq aggravat bil-vjolenza (offiza fuq il-persuna, armi u theddid ghall-hajja), mezz (ghata) u valur.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Carmelo Spiteri" tas-17 t'Ottubru, 1990 l-imsemmi Carmelo Spiteri gie misjub hati ta' delitt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil imsemmi Carmelo Spiteri recidiv hati ta' komplicita' f'serq aggravat bil-vjolenza (offiza fuq il-persuna, armi, theddid ghall-hajja), mezz (ghata) u valur.

Talab li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn hames snin sa tnax il-sena skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 261(a)(b)(c), 262(a)(b), 263(b), 274(c), 276, 277(b), 281, 49, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghall-kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4) u wara li fir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza, - li gie rinunzjat mill-Avukat Generali fis-seduta tal-lum - ippremetta li fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuzat, l-akkuzat Carmelo Spiteri mar fuq il-post tad-delitt b'van abjad tal-ghamla Toyota Lite Ace bin-numru tar-registrazzjoni R 9295. Illi dana l-van kien serqu fis-sittax-il (16) ta' Frar, tal-elf disa' mija w sitta w disghin (1996) minn Rahal Gdid ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10.00 a.m.) ghad-dannu ta' Gul Mohnani bhala Direttur tal-Universal Import and Export Limited. Illi dan il-van jiswa aktar minn elf lira (LM1000).
Illi b'ghemilu l-imsemmi Carmelo Spiteri sa hati ta' serq ta' oggett li jiswa aktar minn elf lira, liema serq hu kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa.
Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Carmelo Spiteri tas-17 t'Ottubru, 1990 l-imsemmi Carmelo Spiteri gie misjub hati ta' delitt.
Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil imsemmi akkuzat recidiv, hati ta' serq ta' oggett li jiswa aktar minn elf lira, liema serq hu kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa.
Talab li jinghamel skond il-Ligi w li jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa disa' snin skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 261 (c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(l), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghall-kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija tal-akkuzat;

5) u wara li fil-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fiz-zmien u taht ic-cirkostant indikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza Carmelo Spiteri kien komplici ma' persuni ohra meta kellhom arma tan-nar fil-pussess taghhom. Illi in fatti meta fis-seba' w ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija w sitta w disghin (1996)

ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta' filghodu (10.30 a.m.) hu kien ma shabu jipprova jisraq il-Bank tal-Mid-Med f'St. Andrews kien komplici ma persuni ohra meta uzaw u kellhom fil-pussess taghhom l-istess arma tan-nar liema arma ma kelliex il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
Illi b'ghemilu l-imsemmi Carmelo Spiteri sar hati ta' komplicita' ma persuni ohra meta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellhom fil-pussess jew fil-kontroll taghhom jew kellhom f'idejhom jew fuqhom, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.
Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Carmelo Spiteri" tas-17 t'Ottubru, 1990 l-imsemmi Carmelo Spiteri gie misjub hati ta' delitt.
Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil imsemmi akkuzat recidiv, hati talli kien komplici ma' persuni ohra meta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellhom fil-pussess jew fil-kontroll taghhom jew kellhom f'idejhom jew fuqhom, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.
Talab li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta prigunerija ghall-zmien ta' hames xhur sa tlett snin skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 3 (IA), 19 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Avviz (Kap 66) u fl-Artikoli 42, 43, 46, 49, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghall-kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija tal-akkuzat.

Rat in-Nota tal-akkuzat prezentata fil-5 ta' Mejju, 2003 li biha huwa ddikjara li qed jammetti l-akkuzi dedotti kontra tieghu fl-imsemmi Att t' Akkuza.

Rat id-Digriet Taghha tal-lum stess li bih ordnat li ssir korrezzjoni fl-ahhar paragrafu tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza billi minnflok in-numru tal-artikolu 42 (1) (a) li ghandu jigi kancellat , jidhol in-numru 41 (1) (a) u dana a tenur tal-artikolu 599 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali pprezentata fis-seduta tal-lum stess li biha ddikjara li :
a) kwantu ghat-tielet kap ta' dan l-Att ta' l-Akkuza dan jirreferi ghal akkuzat bhala komplici,

b) li r-raba' kap qed jigi rinunzjat,
c) kwantu ghal-hames kap dan ukoll qed jirreferi ghall-akkuzat bhala komplici, u
d) kwantu ghar-recidiva din hija ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali biss.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li biha intqal li jekk jigi ammess l-ewwel kap mill-akkuzat ghandu jaqa' t-tieni kap li huwa kap alternattiv;

Rat id-dikjarazzjoni tad-difiza li biha aderiet man-nota ta' l-Avukat Generali fuq imsemmija;

Rat l-ordni taghha biex fl-att ta' l-Akkuza isiru l-korrezzjonijiet mehtiega biex jirriflettu l-kontenut ta' din in-nota ta' l-Avukat Generali;

Rat il-verbal tad-difiza li bih l-akkuzat ezenta lil Qorti mill-qari ta' l-Att ta' l-Akkuza kif emendat u rrinunzja ghal kull terminu biex jipprezenta d-difiza tieghu skond il-ligi;

Rat illi waqt is-seduta tal-lum , l-akkuzat mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza kif emendat , wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li hu kien hati ;

Tiddikjara lill-akkuzat Carmelo Spiteri hati :-
1. talli fis-27 ta' Marzu, 1996, ghall-habta tal-10.30 am. gol–Mid-Med Bank, f'St. Andrews, ghamel tentattiv ta' serq u cioe' talli bil-hsieb li jaghmel id-delitt ta' serq ta' flus fl-ammont ta' aktar minn elf lira , wera dan il-hsieb b'attijiet esterni li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tal-istess delitt , liema delitt ma giex esegwit minnhabba xi haga accidentali w ndipendenti mill-volonta' tal-hati , b'dan li l-istess tentattiv ta' serq huwa kwalifikat bil-vjolenza (tentattiv ta omicidju, offiza fuq il-persuna, sekwestru tal-persuna, theddid bil-fomm ta' omicidju w ta' offiza fuq il-

persuna , armi , numru ) mezz (ghata tal-wicc) valur u lok (lok ta' depozitu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita' tal-pubbliku) w b'dan li l-hati qed jigi wkoll dikjarat bhala recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Carmelo Spiteri" tas-17 t' Ottubru, 1990 , fejn hu gie misjub hati ta' delitt , u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. talli fis-27 ta' Marzu, 1996 , ghall-habta tal-10.30 am. gol-Mid-Med Bank f' St. Andrews, bhala komplici ha parti f'serq aggravat bil-vjolenza (offiza fuq il-persuna, armi, u theddid ghall-hajja) mezz (ghata) u valur ta' revolver Webley & Scott numru 25600 minn fuq il-persuna tal-Kuntistabbli P.C. 393 Maurice Laferla , li kien ghassa mall-fergha tal-istess bank u liema revolver jiswa aktar minn mitt lira izda anqas minn elf lira u dan ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija , b'dan li hu sar ukoll recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "il-Pulizija vs. Carmelo Spiteri" tas-17 t' Ottubru, 1990, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. talli fis-27 ta' Marzu, 1996, ghall-habta tal-10.30 am. gol-Mid-Med Bank, f'St. Andrews, kien komplici ma' persuni ohra meta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, kellhom fil-pussess jew fil-kontroll taghhom jew kellhom f'idejhom jew fuqhom, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu w li sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 t' Ottubru, 1990 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Carmelo Muscat" u dana skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza;
B'dana illi r-recidiva applikabbli f'dawn it-tlett kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza hija dik indikata fl-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali biss;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza billi dan kien gie ddikjarat mill-ewwel bhala Kap

alternattiv kif ukoll tar-raba’ Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza li gie rinunzjat bin-nota ta’ l-Avukat Generali fuq imsemmija;

Rat ic-certifikat mediku rilaxxat minn Dr. A. Zammit ta’ l-isptar San Luqa dwar l-istat ta’ sahha ta’ l-akkuzat li l-Prosekuzzjoni aderiet mal-kontenut tieghu;

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li biha ddikjara li f’dan il-kaz il-piena li nghatat fid-decizzjoni “Repubblika ta’ Malta vs. Joseph sive Zeppi Polidano” ta’ l-10 ta’ Settembru, 1999 hija applikabbli, salv li ghar-rigward ta’ l-arrest preventiv huwa jirrimetti ruhu;

Rat ukoll il-kondotta aggornata tal-hati esebita b’ordni tal-Qorti fis-seduta tal-lum;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;

Qieset favur l-hati l-fatt li hu rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija, ghalkemm irid jigi ukoll notat li tali ammissjoni saret hames snin u nofs wara li hu kien gie notifikat bl-Att tal-Akkuza w aktar minn sentejn wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali ddisponiet b’mod definittiv mill-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-hati quddiem din il-Qorti.

Qieset il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b’hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja ; (Ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi”, Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; “Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa” , Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

Qieset l-eta’ w l-istat ta’ sahha tal-hati kif ukoll l-kontenut tas-sentenza fil-kawza “Repubblika ta’ Malta vs. Joseph sive Zeppi Polidano” tal-10 ta’ Settembru, 1999 kif konfermata interament bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tad-19 t’April, 2001, fejn dik il-persuna li wkoll

ippartecipat fl-istess reati kienet inghatat piena ta’ ghaxar snin prigunerija mid-data tas-sentenza;

Qieset is-sottomissjoni tad-difiza li f’dan il-kaz ghalkemm taqbel li l-hati setgha jinghata l-istess piena li nghatat fis-sentenza appena citata, kellu jitnaqqaslu l-perjodu li huwa kien ghamel taht arrest preventiv u dana in vista tac-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz fejn fuq zewg kapi l-akkuzat ammetta l-htija tieghu ta’ komplicita’, l-eta’ avvanzata tieghu w l-fatt li dam aktar minn sentejn u erba xhur taht arrest preventiv meta Polidano kien ghamel zmien inqas taht arrest kif ukoll il-fatt li tul dawn l-ahhar sitt snin l-akkuzat ma kkometta l-ebda reat iehor, u l-fatt li r-raba kap gie rinunzjat;

Qieset kontra l-hati l-kondotta refrattarja tieghu, l-fatt li huwa recidiv u il-fatt li r-reati li hu ammetta w li hu gie dikjarat hati taghhom huma ta’ entita’ w gravita’ tali li qed joholqu alarm socjali konsiderevoli kemm fost il-haddiema tal-banek , tal-pubbliku in generali li jiffrekwenta l-istess banek ta’ kulljum u tas-socjeta’ in generali , kif ukoll li l-frekwenza ta’ dan it-tip ta’ reati qed tizdied kull ma tmur ; kif ukoll li uhud mir-reati gew kommessi fil-konfront ta’ membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu qed jaqdu dmirhom u li jimmerithom il-protezzjoni shiha w bla tlaqlieq tal-ligi w tal-Qrati Maltin ; u li ghalhekk il-piena trid isservi ukoll ta’ deterrent generali qawwi kontra l-kommissjoni ta’ reati simili ;

Rat l-artikoli 261 (a)(b)(c)(e)(g) ; 262 (1) (a) (b) (2); 263 (b) ; 267; 269 (d) , 271 (g) 273, 274, 275, 276, 277 (a)(b); 278 (1) (2) (3) ; 279 (a)(b) ; 280 (1) (2) ; 281; 41 (1) (a) ; 17, 23, 31, 42, 43, 46, 49, u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta w l-artikoli 2, 3(1A) 19 u 27 tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Tikkundanna lill-hati Carmelo Spiteri ghall-piena ta’ ghaxar snin prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull periodu li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz kif ukoll li jhallas is-somma ta’ hames mija w sebgha w tmenin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (LM587.52c) import ta’ terz tal-ispejjez

tal-perizji inkorsi tul il-process tal-akkuzat a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna li jekk dawn ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum jigu awtomatikament konvertiti fi tlett xhur ohra prigunerija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------